**Sommarju tal-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-mandat ta' negozjar ta' ftehim bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar l-aċċess transfruntier għal evidenza elettronika**

*[It-test sħiħ ta' din l-Opinjoni jista' jinstab bl-EN, bil-FR u bil-DE fuq is-sit web tal-KEPD www.edps.europa.eu]*

(2019/C 186/06)

Fil-5 ta' Frar 2019, il-Kummissjoni Ewropea ħarġet Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati biex jiġi konkluż ftehim internazzjonali mal-Istati Uniti tal-Amerka dwar l-aċċess transfruntier għal evidenza elettronika. L-Anness għar-Rakkomandazzjoni jistabbilixxi d-direttivi tal-Kunsill biex jinnegozja l-ftehim. L-objettiv tal-ftehim propost ser ikun li tiġi indirizzata, permezz ta' regoli komuni, il-kwistjoni legali ta' aċċess għal data tal-kontenut u mhux ta' kontenut miżmuma minn fornituri ta' servizz fl-UE u fl-Istati Uniti.

Il-KEPD jilqa' u jappoġġa l-objettiv tal-Kummissjoni biex jiġi konkluż ftehim dwar l-aċċess transfruntier għal evidenza elettronika mal-Istati Uniti, biex b'hekk jiġi żgurat l-għola livell ta' protezzjoni għal data personali fi trasferimenti bejn l-UE u l-Istati Uniti għal skopijiet tal-infurzar tal-liġi, u japprezza l-impenn biex jiġu introdotti salvagwardji suffiċjenti. Kif il-KEPD ilu jargumenta, l-UE teħtieġ arranġamenti sostenibbli għall-kondiviżjoni ta' data personali ma' pajjiżi terzi għal skopijiet tal-infurzar tal-liġi, li huma kompatibbli b'mod sħiħ mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Anke fl-investigazzjoni ta' każijiet domestiċi, awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi aktar ta' spiss qed isibu lilhom infushom f'"sitwazzjonijiet transfruntiera" sempliċiment minħabba li ġie użat fornitur ta' servizz barrani u l-informazzjoni tiġi maħżuna elettronikament f'pajjiż terz. Fil-prattika, dan spiss jikkonċerna fornituri ta' servizz li huma bbażati fl-Istati Uniti minħabba d-dominanza tagħhom fis-swieq globali. Il-volum dejjem jikber ta' talbiet għal evidenza elettronika u l-volatilità tal-informazzjoni diġitali toħloq pressjoni fuq mudelli ta' kooperazzjoni eżistenti, bħall-MLATs. Il-KEPD jifhem li l-awtoritajiet jaffaċċjaw ġirja kontra l-ħin biex jiksbu d-data għall-investigazzjonijiet tagħhom u jappoġġa sforzi biex jinħolqu mudelli ta' kooperazzjoni ġodda, inklużi fil-kuntest ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi.

Din l-Opinjoni għandha l-għan li tipprovdi pariri kostruttivi u objettivi hekk kif il-Kunsill irid jipprovdi d-direttivi tiegħu qabel il-bidu ta' dan il-kompitu delikat. Din tibni fuq il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'dawn l-aħħar snin, li affermat prinċipji tal-protezzjoni tad-data inklużi l-korrettezza, l-eżattezza u r-rilevanza tal-informazzjoni, is-sorveljanza indipendenti u d-drittijiet individwali tal-individwi. Dawn il-prinċipji huma rilevanti għall-korpi pubbliċi daqs kemm huma rilevanti għall-kumpaniji privati u jsiru tant aktar importanti meta tiġi kkunsidrata s-sensittività tad-data meħtieġa għal investigazzjonijiet kriminali.

Fuq dan l-isfond, il-KEPD jixtieq jagħmel l-osservazzjonijiet li ġejjin:

— hu jilqa' li r-Rakkomandazzjoni diġà tinkludi salvagwardji għall-protezzjoni tad-data importanti li jinkludu l-bżonn li l-Ftehim Umbrella jsir applikabbli permezz ta' referenza, u jappoġġa l-bżonn għal ċerti salvagwardji addizzjonali kif proposti mill-Kummissjoni.

— minħabba riskji speċifiki li jinħolqu fil-kuntest ta' kooperazzjoni diretta bejn fornituri ta' servizz u awtoritajiet ġudizzjarji, hu jipproponi biex tiġi involuta awtorità ġudizzjarja fil-parti l-oħra għall-ftehim.

— hu jirrakkomanda li jiżdied l-Artikolu 16 TFUE bħala bażi ġuridika sostantiva.

Barra minn hekk, l-Opinjoni toffri aktar rakkomandazzjonijiet għal titjib u kjarifiki possibbli dwar id-direttivi ta' negozjati. Il-KEPD jibqa' għad-dispożizzjoni tal-istituzzjonijiet għal aktar pariri matul in-negozjati u qabel il-finalizzazzjoni tal-ftehim UE-Stati Uniti futur.

## 1. INTRODUZZJONI U SFOND

1. Fis-17 ta' April 2018, il-Kummissjoni ħarġet pakkett ta' żewġ proposti leġiżlattivi: Proposta għal Regolament dwar l-Ordnijiet ta' Produzzjoni u ta' Preservazzjoni Ewropej għal evidenza elettronika fi kwistjonijiet kriminali ([1]) (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Proposta għal evidenza elettronika"), u Proposta għal Direttiva li tistabbilixxi regoli armonizzati għall-ħatra ta' rappreżentanti legali għall-finijiet tal-ġbir tal-evidenza fi proċeduri kriminali ([2]). Waqt li qed jitwettaq ix-xogħol fil-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (il-Kunsill) laħaq approċċ ġenerali dwar dawn iż-żewġ proposti ([3]).

2. Fil-5 ta' Frar 2019, il-Kummissjoni adottat żewġ rakkomandazzjonijiet għad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill: Rakkomandazzjoni biex jiġi awtorizzat il-ftuħ ta' negozjati bil-ħsieb ta' ftehim bejn l-Unjoni Ewropea (UE) u l-Istati Uniti tal-Amerka dwar l-aċċess transfruntier għal evidenza elettronika għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali ([4]) (minn hawn 'il quddiem "ir-Rakkomandazzjoni"), u Rakkomandazzjoni biex tawtorizza l-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni f'isem l-UE fin-negozjati dwar it-tieni Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità tal-Kunsill tal-Ewropa (CETS No. 185) ([5]). L-Anness għar-Rakkomandazzjoni (minn hawn 'il quddiem "l-Anness") huwa ta' importanza assoluta minħabba li jistipula d-direttivi rakkomandati tal-Kunsill għall-Kummissjoni biex tinnegozja il-ftehim f'isem l-UE. Ir-rakkomandazzjoni tal-aħħar hija s-suġġett ta' Opinjoni tal-KEPD separata. ([6]) Madankollu, l-KEPD jikkunsidra li n-negozjati mal-Istati Uniti kif ukoll mal-Kunsill tal-Ewropa huma marbutin mill-qrib.

3. Ir-Rakkomandazzjoni ġiet addottata fuq il-bażi tal-proċedura stipulata fl-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) għall-ftehimiet konklużi bejn l-UE u pajjiżi terzi. B'din ir-Rakkomandazzjoni, il-Kummissjoni tfittex li tikseb awtorizzazzjoni mill-Kunsill biex tinħatar bħala n-negozjatur f'isem l-UE u biex tibda in-negozjati mal-Istati Uniti flimkien mad-direttivi ta' negozjati annessi għar-Rakkomandazzjoni. Ladarba n-negozjati jkunu ntemmu, sabiex il-ftehim jiġi konkluż, il-Parlament Ewropew se jkollu jagħti l-kunsens tiegħu lit-test tal-ftehim negozjat, u wara dan, il-Kunsill se jkollu jadotta deċiżjoni li tikkonkludi l-ftehim. Il-KEPD jistenna li jiġi kkonsultat dwar it-test tal-abbozz tal-ftehim fi żmien debitu f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725.

4. Il-KEPD jilqa' l-fatt li ġie kkonsultat wara l-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea, kif ukoll mill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni tal-Parlament Ewropew. Il-KEPD jilqa' wkoll ir-referenza għall-Opinjoni tiegħu fi Premessa 4 tar-Rakkomandazzjoni. Hu jixtieq jissottolinja li l-Opinjoni preżenti hija mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe kumment addizzjonali li l-KEPD jista' jagħmel fuq il-bażi ta' informazzjoni ulterjuri disponibbli aktar tard.

## 5. KONKLUŻJONIJIET

66. Il-KEPD jifhem il-ħtieġa li awtoritajiet ta' infurzar tal-liġi jiżguraw u jiksbu evidenza elettronika malajr u b'mod effettiv. Hu jappoġġa l-isforzi biex jiġu identifikati approċċi innovattivi biex jinkiseb aċċess transfruntier għal evidenza elettronika. Għaldaqstant, din l-Opinjoni għandha l-għan li tipprovdi pariri kostruttivi u objettivi lill-istituzzjonijiet tal-UE hekk kif il-Kummissjoni tfittex li tikseb awtorizzazzjoni mill-Kunsill biex tinnegozja mal-Istati Uniti.

([1]) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Ordnijiet ta' Produzzjoni u ta' Preservazzjoni Ewropej għal evidenza elettronika f'materji kriminali, COM (2018) 225 finali.

([2]) Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi regoli armonizzati dwar il-ħatra ta' rappreżentanti legali għall-finijiet tal-ġbir tal-evidenza fi proċeduri kriminali, COM(2018) 226 final.

([3]) Il-Kunsill adotta l-approċċ ġenerali tiegħu dwar ir-Regolament propost fis-7 ta' Diċembru 2018, disponibbli fuq https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2018/12/07/regulation-on-cross-border-access-to-e-evidence-council-agrees-its-position/. Il-Kunsill addotta l-approċċ ġenerali tiegħu dwar ir-Regolament propost fit-8 ta' Marzu 2018, disponibbli fuq https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2019/03/08/e-evidence-package-council-agrees-its-position-on-rules-to-appoint-legal-representatives-for-the-gathering-of-evidence/

([4]) Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati bil-ħsieb ta' ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka dwar aċċess transfruntier għal evidenza elettronika għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, COM(2019) 70 finali.

([5]) Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-parteċipazzjoni fin-negozjati dwar it-tieni Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità tal-Kunsill tal-Ewropa (CETS Nru 185), COM(2019) 71 finali; Konvenzjoni dwar il-kooperazzjoni internazzjonali mtejba dwar iċ-ċiberkriminalità u l-evidenza elettronika, Budapest, 23 ta' Novembru 2001, CETS Nru 185.

([6]) Opinjoni 3/2019 tal-KEPD dwar il-parteċipazzjoni fin-negozjati bil-ħsieb tat-tieni Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità ta' Budapest.

67. Il-KEPD jaqbel mad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li l-ftehim previst għandu jkun kundizzjonali għall-mekkaniżmi ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali b'saħħithom. Diversi prinċipji għall-protezzjoni tad-data u salvagwardji huma diġà maħsuba fid-direttivi ta' negozjati. Hu l-ewwel jirrakkomanda li jiġi inkluż l-Artikolu 16 TFUE bħala parti mill-bażi ġuridika sostantiva fil-preambolu tad-Deċiżjoni tal-Kunsill. Hu jilqa' li l-Ftehim Umbrella, li hu appoġġa b'mod attiv, għandu japplika b'referenza għall-ftehim futur. Fl-Opinjoni 1/2016 tiegħu dwar il-Ftehim Umbrella, l-KEPD jirrakkomanda titjib essenzjali u l-infurzar ta' diversi salvagwardji; hu jirrakkomanda li jiġu nklużi dawk is-salvagwardji fid-direttivi ta' negozjati.

68. Minħabba l-impatt tal-ftehim previst dwar id-drittijiet fundamentali, l-KEPD jikkunsidra wkoll li aktar salvagwardji minn dawk li diġà huma previsti għandhom jiġu inklużi biex jiġi żgurat li l-ftehim finali jissodisfa l-kundizzjoni tal-proporzjonalità. Hu notevolment jirrakkomanda l-involviment ta' awtoritajiet ġudizzjarji nominati mill-Parti l-oħra għall-ftehim kemm jista' jkun kmieni fil-proċess tal-ġbir ta' evidenza elettronika sabiex dawn l-awtoritajiet ikollhom il-possibbiltà li jirrieżaminaw il-konformità tal-ordnijiet mad-drittijiet fundamentali u jqajmu punti għal rifjut.

69. Flimkien ma' dawn ir-rakkomandazzjonijiet ġenerali, ir-rakkomandazzjonijiet u l-kummenti tal-KEPD f'din l-Opinjoni huma relatati mal-aspetti speċifiċi li ġejjin tal-ftehimiet previsti li għandhom jiġu nnegozjati mal-Istati Uniti fid-direttivi ta' negozjar:

— in-natura obbligatorja tal-ftehim;

— it-trasferimenti 'l quddiem minn awtoritajiet kompetenti tal-Istati Uniti;

— id-drittijiet ta' suġġetti tad-data fl-Istati Uniti, b'mod partikolari d-dritt għall-informazzjoni u d-dritt ta' aċċess;

— il-kontroll minn awtorità indipendenti fl-Istati Uniti;

— ir-rimedju ġudizjarju u r-rimedju amministrattiv fl-Istati Uniti;

— il-kategoriji tas-suġġetti tad-data kkonċernati;

— id-definizzjoni u t-tipi ta' data koperti mill-ftehim previst;

— l-offiżi kriminali koperti mill-ftehim previst;

— il-salvagwardji speċifiċi biex jiġi żgurat livell xieraq ta' sigurtà tad-data trasferita;

— it-tip ta' awtoritjiet li jistgħu joħorġu ordnijiet għal evidenza elettronika;

— il-possibbilità ta' fornituri ta' servizz b'ordni għal evidenza elettronika li joġġezzjonaw abbażi ta' raġunijiet speċifiċi.

70. Fl-aħħar nett il-KEPD jibqa' għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni, tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew biex jipprovdi pariri waqt stadji aktar tard ta' dan il-proċess. Il-kummenti f'din l-Opinjoni huma mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe kumment addizzjonali li l-KEPD jista' jagħmel hekk kif kwistjonijiet ulterjuri jistgħu joħorġu u li ser imbagħad jiġu indirizzati ladarba tkun disponibbli aktar informazzjoni. Hu jistenna li jiġi kkonsultat dwar it-test tal-abbozz tal-ftehim qabel il-finalizzazzjoni tiegħu.

Brussell, it-2 ta' April 2019.

Giovanni BUTTARELLI

*Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data*